# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April, 2001**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 4/99**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Aimem Said Giali El-Baden**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul minn l-akkuzat Aimem Said Giali El-Baden kontra s-sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali fil-8 ta' Marzu, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 4/1999, notifikat lill-akkuzat fit-28 ta' April, 1999;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet u n-nota tax-xhieda tal-istess akkuzat, minnu ppresentati fit-18 ta' Mejju, 1999;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-akkuzat, bin-nota (jew Dok. "A") annessa maghha bl-indikazzjoni ta' tlett "xhieda" ohra, kollox ippresentat fl-20 ta' Mejju, 1999;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju, 1999, li permezz taghha eccepixxa l-inammissibilita` tax-xhieda kollha indikati mill-akkuzat tieghu tigehu tat-18 ta' Mejju, 1999, kif ukoll l-inammissibilita` tat-tlett xhieda imsemmija fin-nota tal-20 ta' Mejju, 1999;

Rat l-erba' noti ulterjuri tal-akkuzat, kollha datati 8 ta' Ottubru, 1999, kif ukoll nota ohra tat-12 ta' Ottubru, 1999, li permezz taghhom ta l-informazzjoni (ghalkemm mhux kompleta) kif indikat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Settembru, 1999;

Semghet lill-Avukat Dott. Leon Bencini ghall-akkuzat kif ukoll lill-Assistant Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-Prosekuzzjoni fl-udjenzi tad-9 ta' Settembru,1999 u 1 ta' Dicembru, 1999;

Ikkunsidrat:

1. L-ewwel li ser jigu decizi huma l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat; u l-Qorti ser tibda bin-nota tat-18 ta' Mejju, 1999. L-**ewwel eccezzjoni** tal-akkuzat tghid testwalment hekk: *"Illi ghandu jigi kjarifikat u dikjarat mill-Avukat Generali jew li t-tieni Kap tal-Att ta' Akkuza huwa kap alternattiv ghall-ewwel Kap tal-istess Att b'mod li f'kaz li tinsab htija taht l-ewwel kap ma tkunx tista' tinstab htija ukoll ghat-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza. Fil-kaz li tali dikjarazzjoni ma ssirx, l-akkuzat qed jirriserva illi waqt is-seduta meta jigu trattati l-eccezzjonijiet huwa jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri in sostenn ta' din l-eccezzjoni".* Ghalkemm din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-abbili difensur tal-akkuzat ghall-fatt li dwar eccezzjoni simili kemm din il-Qorti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali diga ppronunzjaw ruhhom diversi drabi, Dott. Bencini baqa' jinsisti fuq din l-eccezzjoni. Fl-ewwel kap, l-Avukat Generali qed jakkuza lil El-Baden b'omicidju volontarju (ta' Alfie Rizzo), u fit-tieni kap qed jakkuzah ta' serq ikkwalifikat, fost kwalifiki ohra, bi vjolenza konsistenti f'omicidju volontarju. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn toqghod tahli zmien terga' tispjega ghala l-Avukat Generali hu gustifikat li dawn iz-zewg kapi ma jippresentahomx bhala alternattivi; il-Qorti ser tillimita ruhha li taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi: ***Ir-Repubblika ta' Malta v. John sive Ganni Agius u Emanuel Attard***, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 13/11/89, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Schembri***, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 3/4/90, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Michael Bonnici u Joseph Azzopardi***, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 11/1/94, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg***, Qorti ta'l-

Appell Kriminali, 14/6/99, u ***Ir-Repubbblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri***, Qorti Kriminali[1], 31/8/98. Ghar-ragunijiet legali migjuba f'dawn is-sentenzi, din il-Qorti tirriafferma li ma hemm xejn legalment skorrett kif l-ewwel u t-tieni kapi f'dan l-Att ta' Akkuza (4/99) gew proposti mill-Avukat Generali, jigifieri mhux bhala kapi alternattivi, u konsegwentement **qed tichad din l-ewwel eccezzjoni**.

2. It-tieni eccezzjoni tghid hekk: *"Illi fit-tieni lok, l-ewwel stqarrija allegatament maghmula mill-akkuzat ghandha tigi sfilzata mill-atti processwali u minflok ghandha tibqa' fl-atti l-istqarrija li huwa ghamel quddiem il-Magistrat Inkwirenti u dan in vista tal-fatt li l-akkuzat cahad mill-bidunett il-kontenut ta' l-ewwel stqarrija."* Issa, propjament l-akkuzat, qabel l-istqarrija guramentata li ghamel quddiem il-Magistrat, kien ghamel mhux wahda izda <u>zewg</u> stqarrijiet lill-Pulizija (ara fol. 66-69 u fol. 74-75 [b'zewg skizzi, fol. 76 u 77]). Il-fatt li fi stqarrija li akkuzat jaghmel – sia jekk bil-fomm u sia jekk bil-miktub, u sia jekk guramentata jew le – huwa jichad jew ibiddel dak li jkun qal fi stqarrija precedenti – li ukoll tista' tkun bil-miktub jew bil-fomm, guramentata jew mhux guramentata – <u>ma jirrendix l-ewwel stqarrija inammissibbli</u>. Il-prosekuzzjoni ghandha d-dritt li tqieghed l-istqarrijiet <u>kollha</u> quddiem il-gurati, u jkun jispetta lilhom, cioe` lill-gurati, bhala kwistjoni ta' fatt, li jiddeciedu liema minn dawk l-istqarrijiet jaccettaw bhala li tikkontjeni jew li jikkontjenu l-verita`. Jistghu jaccettaw parti minn stqarrija flimkien ma' parti minn stqarrija ohra; jew jistghu addirittura ma jaccettaw ebda wahda minn dawk l-istqarrijiet. Jizdied jinghad ukoll li fil-ligi taghna, il-kwistjoni ta' jekk stqarrija tkunx saret volontarjament u minghjar ma dak li jkun ikun gie mgieghel jaghmilha, jew mhedded jew imbazza' biex jaghmilha, jew ikunx ghamilha ghax gie mwieghed xi haga jekk jaghmilha jew imwebbel b'xi vantagg (Art. 658, Kap. 9), dejjem giet ritenuta li hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghal gudikanti tal-fatt, jigifieri ghall-gurati. Ghalhekk **din it-tieni eccezzjoni qed tigi respinta**.

3. It-tielet eccezzjoni hi redatta f'dawn it-termini: *"Illi dawk ir-ritratti kollha li jirreferu ghall-mejjet esebiti f'diversi rapporti redatti fl-Istruttorja, inkluz video esebit fl-atti tal-kumpilazzjoni, ghandhom jigu sfilzati billi dawn certament ikollhom l-effett li jitrawmatizzaw u konsegwentement jinfluwenzaw lill-gurija nagattivament u a priori fil-konfront tal-akkuzat. In effetti hemm diversi rapporti li jiddeskrivu bid-dettal il-feriti mgarrba mid-decujus oltra* [recte: oltre] *l-fatt li l-istess esperti jkunu jistghu jiddeponu viva voce dwar dawk il-feriti."* Din il-Qorti ma tarax li hemm bazi <u>legali</u> ghal din l-eccezzjoni. Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-"facts in issue" – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) <u>ammissibbli</u> in kwantu <u>relevanti</u>, kemm-il darba ma

[1] Appell pendenti.

jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri “an exclusionary rule of evidence”, li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli. F’kaz ta’ omicidju volontarju bhalma qed jigi allegat fl-ewwel zewg kapi[2], din il-Qorti tifhem li prova li tista’ tkun importanti hafna ghall-prosekuzzjoni hi dik tax-xena tad-delitt, kif ukoll tad-dettalji tal-offizi li tkun garrbet il-vittma. L-ahjar prova f’dawn ic-cirkostanzi hi, kwazi dejjem, dik tar-ritratti mehuda (jew film jew video migbud); u mhux l-ewwel darba li deskrizzjoni moghtija minn xhud, anke jekk moghtija f’xi rapport minnu maghmul bil-miktub, tkun tirrisulta li ma taqbilx ma’ dak li jkun jidher fir-ritratti. Fi kliem iehor, ir-ritratti jservu wkoll bhala mezz ta’ kontroll. Huwa veru li hafna minn dawn ir-ritratti – bhalma huma r-ritratti ta’ l-awtopsja – jkunu skabruzi u jistghu “jitrawmatizzaw” fis-sens li jixxokkjaw lil xi gurati li normalment ma jkunux midhla ta’ xeni bhal dawn. Wara kollox, anke d-deskrizzjoni moghtija fl-Att ta’ Akkuza tista’ tixxokkja lil dak li jkun; pero` b’daqshekk ma jfissirx li dik id-deskrizzjoni ghandha b’xi mod tigi mibdula biex jigi mitigat l-impatt fuq il-gurati. Kull reat, u specjalment reati ta’ certa gravita`, minnu nnifsu jixxokkja mhux biss lill-gurati izda lill-komunita` in generali, li taghha l-gurati huma rappresentanti. Dan kollu, pero`, m’ghandux ifisser, kif donnu qed janticipa l-akkuzat, li ghax il-gurati jaraw dawn ir-ritratti (jew jaqraw id-deskrizzjoni ta’ kif sehh id-delitt fil-kopja ta’ l-Att ta’ Akkuza li tigi moghtija lilhom), allura jkunu “influwenzati”, fis-sens ta’ “pregudikati”, kontra tieghu. Huwa l-kompitu ta’ l-imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri li jispjega lill-gurati li mhux biss iridu jkun moralment konvinti li sehh il-fatt materjali akkompanjat bl-intenzjoni rikjesta mill-ligi – u r-ritratti in kwistjoni jistghu jservu propju biex jigi determinat kemm il-fatt materjali kif ukoll l-element morali tar-reat – izda jridu jkunu moralment konvinti wkoll li kien l-akkuzat li wettaq dak id-delitt (jew li kien komplici fih). Il-prassi li dejjem giet segwita minn din il-Qorti kif presjeduta hi li thalli li jintwerew dawk ir-ritratti kollha li jistghu jghinu biex jigi determinat ezattament x’gara, izda li ma turix lill-gurati dawk ir-ritratti li ma jistghu jkunu ta’ ebda utilita’ ghall-accertament tal-“facts in issue”. Dan isir mhux tant biex ma jigux ixxukkjati l-gurati – il-Qorti trid necessarjament tippresumi li l-gurati huma nies maturi u li ser joqghodu ghad-direttivi ta’ ligi taghha – izda biex twettaq fil-prattika dak li jipprovdi s-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 520 tal-Kodici Kriminali moqri flimkien mal-paragrafi (b) u (c) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 436. Ghalhekk il-kwistjoni tirriduci ruhha mhux ghal wahda ta’ ammissibilita` izda ghal wahda ta’ relevanza li ghandha tigi regolata fil-mori tal-guri propja, u mhux aprioristikament f’dana l-istadju ta’ eccezzjonijiet preliminari. Ghalhekk din **it-tielet eccezzjoni qed tigi respinta.**

4. Ir-raba’ eccezzjoni ta’ l-akkuzat tghid hekk: *“Illi qed titressaq oggezzjoni relattivament ghall-produzzjoni tax-xhud Sharon Spiteri billi x-xhieda* [recte: xiehda] *taghha hija assolutament irrelevanti ghall-ezitu tal-kaz”.*

[2] Fit-tieni kap, bhalma inghad, l-omicidju volontarju qed jigi dedott bhala aggravanti tar-reat ta’ serq.

Permezz ta' wahda minn noti ulterjuri tieghu[3] l-akkuzat indika l-Volum III tal-Attijiet ta' l-Istruttorja u pagni 547 u 548, bhala l-post fejn tinsab id-deposizzjoni ta' l-imsemmija Spiteri li minnha qed jilmenta. Mill-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Frar, 1998 (fol. 312 sa 315, Vol. II) jidher li dina Sharon Spiteri giet prodotta mill-prosekuzzjoni (allura mmexxija mill-Pulizija Ezekuttiva) in sostenn ta' allegazzjoni li waqt li kien qed jixhed (fl-istruttorja) xhud tal-prosekuzzjoni l-akkuzat (allura imputat) qal il-kelma jew il-kliem "giddieb giddieb". Mhux car jekk dawn il-kliem kienux diretti lejn ix-xhud jew lejn xi spettur presenti fl-awla dak il-hin. Mill-verbal imsemmi jidher li dan l-incident kien "a storm in a tea cup", dovut ghall-fatt li f'dik l-udjenza gew registrati hafna ilmenti mid-difiza fil-konfront tal-prosekuzzjoni u vice versa. Ghalkemm huwa veru li propjament l-akkuzat qed jilmenta dwar ir-<u>relevanza</u> u mhux dwar l-<u>ammissibilita`</u> ta' din ix-xhud, kif din il-Qorti rriteniet diversi drabi, <u>meta jkun jidher car li prova tkun assolutament irrelevanti ghall-meritu tal-kaz</u>, din il-Qorti <u>tista'</u> tiddikjara tali prova rrelevanti u, *pro tanto*, inammissibbli anke f'dana l-istadju ta' eccezzjonijiet preliminari. Ghalhekk, tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-akkuzat u **tiddikjara inammissibbli ix-xhud Sharon Spiteri riferibbilment ghall-incident imsemmi fil-verbal ta' l-20 ta' Frar, 1998**.

5. Il-hames eccezzjoni ta' l-akkuzat kienet originarjament tghid hekk: *"Illi partijiet mix-xhieda* [recte: xiehda] *ta' Tarek El Fergani, Ahmed Shaffi u Ali Mohammed Said Ibrahim u Stephen Sammut ghandu* [ghandhom] *jigu sfilzati mill-atti billi jammontaw ghal xhieda* [xiehda] *hearsay".* Fl-udjenza tad-9 ta' Settembru, 1999 quddiem din il-Qorti, l-akkuzat, permezz tad-difensur tieghu, irtira din l-eccezzjoni riferibbilment ghad-deposizzjonijiet ta' Tarek El Fergani, Ali Mohammed Said Ibrahim u Stephen Sammut, izda zamm ferma l-istess eccezzjoni fir-rigward ta' Ahmed Shaffi. Permezz ta' wahda minn noti ulterjuri tieghu tat-8 ta' Ottubru, 1999 l-akkuzat indika is-segwenti brani li hu qed jghid li ghandhom jigu sfilzati mid-deposizzjoni ta' dan Shaffi (jew Shaafi): *"….u Ibrahim staqsa lil Aimen jekk jistax joqtlu lil Alfie u Aimen qallu li jipprova"* u *"….u Aimen qallu lil Ibrahim, kollox allright"*. Din il-Qorti qrat id-deposizzjoni kollha tal-imsemmi Ahmed Ragiab Shaafi li tinsab a fol. 26 sa 30 ta' l-Attijiet ta' l-Istruttorja, u jidher li fiz-zewg brani li minnhom qed jilmenta l-akkuzat, Shaafi qed jghid <u>x'qallu certu Ibrahim li qal l-akkuzat</u>. B'dana kollu din il-Qorti hi tal-fehma li <u>f'dana l-istadju</u> ma hemmx lok ta' "sfilz" ta' dawn il-brani, kif qed jitlob l-akkuzat. Kif gie mfisser minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg***, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14 ta' Gunju, 1999, mhux <u>kull</u> deposizzjoni li tammonta ghal xiehda fuq kliem haddiehor hi inammissibbli; hi inammissibbli biss in kwantu hi intiza bhala prova tal-verita` tal-asserzjoni li tkun qed tigi ripetuta, cioe` tal-verita` tal-fatt jew

[3] Tat-8 ta' Ottubru, 1999.

cirkostanza li tkun qed tigi relatata fuq kliem haddiehor; u propjament jekk ma tkunx hekk intiza anqas tista' tissejjah "hearsay", izda tkun "direct evidence"[4]. Kif gie ritenut mill-Privy Council fil-kaz ***Subramaniam v. Public Prosecutor*** [1956] 1 W.L.R. 956: *"Evidence of a statement made to a witness….may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made"* (at 969). Jekk il-brani li minnhom qed jilmenta l-akkuzat huma intizi, jew jigu wzati fil-kors tal-guri, sabiex jippruvaw li l-akkuzat verament qal dak id-diskors ("nipprova", "kollox allright"), allura dawk il-brani jkunu inammissibbli. Pero` dawk il-brani jistghu wkoll iservu sabiex jippruvaw li Ibrahim qal lil Shaafi dak id-diskors, u dan, per ezempju, fil-kors ta' xi konfront li jista' talvolta jkun mehtieg bejn Shaafi u Ibrahim (il-Qorti tosserva a propositu li kemm Shaafi kif ukoll Ibrahim huma indikati mill-Avukat Generali fil-lista tax-xhieda tieghu, b'mod ghalhekk li din il-Qorti ghandha tassumi li dawn ser jixhdu *viva voce* u mhux semplicement tinqara d-deposizzjoni taghhom). Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem hadet il-linja li jekk fil-kors tal-guri tqum il-htiega li xhud jirrelata dak li qallu haddiehor (biex issir il-prova mhux "of the truth of the statement" izda "of the fact that it was made"), hija dak il-hin stess tindirizza lill-gurati dwar ir-regola tal-"hearsay". Huwa ghalhekk ukoll difficli li wiehed jiddetermina aprioristikament, f'dana l-istadju ta' eccezzjonijiet preliminari, jekk dawn il-brani ghandhomx jigu ammessi jew le, ghax huwa difficli, jekk mhux addirittura impossibbli, li wiehed janticipa kif ser jisvolgu l-affarijiet fil-kors ta' guri. Ghalhekk **din il-hames eccezzjoni, in kwantu qed titlob l-isfilz ta' certi kliem f'dana l-istadju, u salv dejjem dak li inghad dwar meta dawk il-brani jkunu inammissibbli, qed tigi respinta**.

6. Din il-Qorti ser tghaddi issa ghan-nota ta' l-akkuzat tal-20 ta' Mejju, 1999. Din in-nota giet presentata fuori termine. In fatti l-Att ta' Akkuza u l-lista (jew nota) tax-xhieda ta' l-Avukat Generali gew notifikati lill-akkuzat fit-28 ta' April, 1999. Skond l-Artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali, l-akkuzat kellu hmistax-il jum tax-xoghol sabiex, permezz ta' nota, jaghti avviz ta' l-eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar ammissibilita` ta' provi, kif ukoll jindika x-xhieda li jkollu l-hsieb li juza fil-kawza. Dawn il-hmistax-il jum tax-xoghol kienu jaghlqu fid-19 ta' Mejju, 1999. Dan it-terminu ta' hmistax-il jum tax-xoghol, bhal diversi termini perentorji ohra, huwa ta' ordni pubbliku, u ghalhekk il-fatt li d-dokument ikun gie presentat fuori termine hu sollevabbli mill-Qorti *ex officio*. Fil-fatt ga fl-udjenza tat-28 ta' Lulju, 1999 din il-Qorti kienet gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li din in-nota kienet giet presentata fuori

[4] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' April, 1998 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja***.

termine. Minkejja dan, kif jidher mill-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Settembru, 1999, id-difensuri tal-partijiet ghazlu li jitrattaw kemm dwar l-eccezzjonijiet sollevati f'din in-nota, kif ukoll dwar it-tlett xhieda indikati fin-nota Dok. "A" annessa maghha (jigifieri ix-xhieda Spettur Joseph Valletta, Right Scan Company Ltd. u Scan Limited[5]). F'din l-ahhar udjenza, Dott. Leon Bencini, ghall-akkuzat, irtira l-ewwel eccezzjoni migjuba f'din in-nota tal-20 ta' Mejju, 1999, izda zamm ferma t-tieni eccezzjoni, li tghid hekk: *"Illi l-akkuzat f'dan l-istadju jopponi l-produzzjoni tax-xhud Christopher Farrugia stante li huwa addett mal-Korp tal-Pulizija kif ukoll ghar-rapport minnu redatt u esebit in atti"*. Permezz ta' wahda minn-noti tat-8 ta' Ottubru, 1999, l-akkuzat indika l-oggett tal-prova li jrid jaghmel permezz ta' l-Ispettur Joseph Valletta, Right Scan Company Ltd. u Scan Limited; filwaqt li permezz ta' nota ohra, ukoll datata 8 ta' Ottubru, 1999, huwa ezibixxa kopja tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-2 ta' Ottubru, 1997 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Lebrun***, kif ukoll indika fejn, fl-Attijiet ta' l-Istruttorja, huwa kien oggezzjoni ghax-xiehda ta' Christopher Farrugia u ghar-rapport minnu redatt. A propositu ta' din is-sentenza ta' ***Lebrun***, din il-Qorti tosserva li f'dik is-sentenza l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet "….illi fuq l-iskorta ta' gurisprudenza recenti, pero` ormai kostanti, ta' din l-Onorabbli Qorti, ir-relazzjoni ta' Dr. Abela Medici ma tistax tkun ammissibbli konsiderendo illi fiz-zmien relattiv hu kien jiddependi mill-Kummissarju tal-Pulizija" (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kriminali). Bid-dovut rigward lejn dik l-Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma tafx ghal-liema gurisprudenza recenti u/jew kostanti dik il-Qorti kienet qed tirreferi. Pjuttost din il-Qorti tara li l-gurisprudenza u l-prassi tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kienet fis-sens oppost, u cioe` li Dott. Anthony Abela Medici u pajzana ohra (cioe` mhux membri tal-Korp tal-Pulizija), ghalkemm jahdmu fil-*Forensic Science Laboratory* tal-Pulizija, dejjem gew ritenuti bhala li jistghu jigu nominati bhala esperti. Il-posizzjoni legali kif tifhimha din il-Qorti hi mfissra fis-sentenza taghha tal-31 ta' Awissu, 1998 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri***[6]. Dan kollu, pero`, qed jinghad *obiter*, ghax kif diga gie osservat in-nota tal-20 ta' Mejju, 1999 giet presentata wara li kien skada t-terminu perentorju stabbilit mill-ligi. Konsegwentement din il-Qorti **tiddikjara l-eccezzjoni sollevata dwar ix-xhud Christopher Farrugia u dwar ir-rapport minnu redatt bhala nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha; u tiddikjara wkoll li t-tlett xhieda indikati f'dik in-nota ma jistghux jingiebu fil-kawza**, salv ir-rimedju li jista' talvolta jkollu l-akkuzat skond is-subartikoli (3) u (4) tal-Artikolu 440 tal-Kodici Kriminali.

[5] Din il-Qorti ghadha ma tistax tifhem kif kumpanija tista' tkun xhud.
[6] Appell pendenti.

7. Jibqa' biex tigi kunsidrata l-eccezzjoni, sollevata mill-Avukat Generali, dwar l-ammissibilita` tax-xhieda indikati bin-numri 1 sa 35 fin-nota ta' l-akkuzat tat-18 ta' Mejju, 1999. L-Avukat Generali qed jopponi ghal dawn ix-xhieda, mhux ghax xi whud minnhom ma gewx indikati korrettement jew ma humiex identifikabbli, izda semplicement ghax "minn imkien ma jidher ir-relevanza taghhom" (ara n-nota ta' l-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju, 1999). Din il-Qorti jiddispjaciha tinnota li din l-eccezzjoni spiss qed tinghata mill-Avukat Generali bl-addocc, u li anke meta jigi indikat l-oggett tal-prova li l-akkuzat ikun irid jaghmel b'kull xhud, l-Avukat Generali (jew min ikun qed jidher floku fil-kawza partikolari) l-anqas jiehu l-izbriga li jipprova jiddistingwi bejn xhud u iehor. Hekk rega sar f'dan il-kaz. Din il-Qorti tiddeplora n-nuqqas ta' ghajnuna li ssib f'dan ir-rigward minn ufficjali li suppost qeghdin hemm biex ikunu ta' ghajnuna lill-Qorti u mhux biex semplicement jitfghu eccezzjonijiet bl-addocc u jaghtu xoghol inutili lill-Qorti. Kemm din il-Qorti, kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kellhom okkazzjoni li jfissru diversi drabi li l-ammissibilita` ta' xhud hi essenzjalment haga differenti mir-relevanza tal-prova li wiehed ikun irid jaghmel permezz ta' dak ix-xhud, salv il-kaz fejn il-prova tant tkun manifestament irrelevanti li din il-Qorti tkun gustifikata li tiddikjara ix-xhud li jkun (jew id-dokument) inammissibbli addirittura f'dana l-istadju; jew meta l-akkuzat jipprova jevadi jew jirraggira xi disposizzjoni tal-ligi, bhal, per ezempju, jipprova jtella' perit *ex parte* taht il-mant ta' xhud ordinarju. Minn ezami ta' l-oggett tal-prova ta' kull wiehed mix-xhieda bin-numri minn 1 sa 35 kif indikat mill-akkuzat bin-noti tieghu tat-8 ta' Ottubru, 1999 u 12 ta' Ottubru, 1999, din il-Qorti ma tirravviza ebda inammissibilita` fir-rigward tas-segwenti xhieda, salv dejjem il-kwistjoni tar-relevanza ta' mistoqsijiet partikolari li jista' talvolta jsirulhom fil-kors tal-guri, u ghalhekk fir-rigward taghhom **qed tirrespingi l-eccezzjoni ta' l-inammissibilita` sollevata mill-Avukat Generali**: (1) Ramadan Mohammed Saleh, (2) Fethi Sadek Otman, (3) Emanuel Montesin, (4) Shahata Mohammed Abdel Samli Abdel Hamis, (5) Isam Ali Said, (6) Marco Abdilla, (7) Abdel Hakim, (8) Baklut Mohammed Ali, (9) Moneen Ramadan Abu Suba, (10) Ashur Said Ali, (11) Nasseddin Abdussalam, (12) Abdelbasset, (15) Sadek, (16) Abdel Hakim iehor, (17) Farag maghruf bhala Walid, (18) Abdel Ghani Hammadi, (19) sid il-post fejn kien joqghod l-akkuzat, (20) Omer Il Khomsi, (21) Adel Ezzawi, (22) Khaled maghruf bil-laqam ta' Ix-Xurb, (23) Joseph, (24) Tarek, (25) Abdul Salam Mohammes[7] Abdussalam, (26) Ahmes Zadem, (27) Emad Shebani, (28) Fethi Zejtun, (33) l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jew rappresentant tieghu, (34) rappresentant mill-Ufficcju Konsolari tal-Bureau Gharbi Libjan, u (35) l-Ufficjal inkarigat mill-iskwadra ta' Kontra d-Droga jew rappresentant tieghu. Dawn ta hawn fuq qed jigu, ghalhekk, dikjarati bhala ammissibbli. Kwantu, pero`, jirrigwarda x-xhieda (13) Hamid, (14) Ahmed u (29) Tony Saliba,

[7] Jew Mohammed.

l-oggett tal-prova baqa' ma giex indikat mill-akkuzat, u fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni din il-Qorti f'dana l-istadju tista' biss tikkonkludi li dawna huma manifestament irrelevanti; konsegwentement **tiddikjara dawn it-tlett xhieda bhala inammissibbli, u f'dan is-sens tilqa' l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali fir-rigward taghhom**. Jibqa' t-tlett xhieda (30) Dr. Ali Sarfraz, (31) Prof. Marie Therese Camilleri u (32) Dr. Joseph Grech[8]. Hu evidenti mill-oggett tal-prova kif dikjarat fir-rigward ta' dawn it-tlett xhieda – biex jixhdu "dwar diversi aspetti tal-kaz mill-punto di vista patologiku (forensiku)" – li l-akkuzat qieghed hawnhekk jipprova jipproduci periti *ex parte*. Dawn ma jidher li jafu xejn *di scienza propria* dwar il-"facts in issue". Kif din il-Qorti kellha diga l-okkazzjoni li tosserva f'sentenzi precedenti[9], kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali hi obbligata li ma thalli lil hadd jipprova jirraggira d-dispost tal-ligi dwar perizi u periti, u cioe` li fil-kamp penali l-unici periti ammissibbli huma dawk nominati mill-Qorti. L-imsemmija Dott. Ali Sarfraz, Prof. Camilleri u Dott Grech kjarament qed jigu indikati biex jaghtu opinjoni fuq aspetti patologici u/jew forensici, meta tali opinjoni tista' tinghata biss minn periti nominati mill-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti **qed tilqa' l-eccezzjoni ta' l-inammissibilita` sollevata mill-Avukat Generali fil-konfront ta' dawn it-tlett tobba**.

U b'dan il-mod tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-partijiet.

Illum, 8 ta' Marzu, 2000".

Minn dik is-sentenza appella l-akkuzat imsemmi permezz ta' rikors prezentat fit-13 ta' Marzu, 2000, li fih jitlob li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel, it-tieni u l-hames eccezzjonijiet sollevati minnu permezz tan-nota tat-18 ta' Mejju, 2000, filwaqt li laqghet ir-raba eccezzjoni sollevata permezz ta' l-istess nota, kif ukoll fejn l-istess sentenza ddikjarat nulli l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat permezz ta' nota ohra pprezentati fuori termine fl-20 ta' Mejju, 1999, u ddikjarat ukoll li t-tlett xhieda indikati fl-istess nota ma setghux jitressqu fil-kawza, u finalment fejn l-istess sentenza cahdet l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali dwar l-ammissibilita' ta' diversi xhieda filwaqt li ddikjarat inammissibbli tlett xhieda ohra li, kif jirrizulta mill-istess sentenza, u tirrevoka l-istess sentenza appellata fejn cahdet it-tielet eccezzjoni sollevata minnu permezz ta' l-istess nota tat-18 ta' Mejju, 1999.

[8] Dana jidher li huwa Dott. Joseph Lewis Grech – in fatti fin-nota tieghu tat-8 ta' Ottubru, 1999, l-akkuzat jikkwalifikah bhala "espert forensiku" – li miet recentement.
[9] Ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri***, 31 ta' Awissu, 1998 u ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco***, 28 ta' Lulju, 1999.

In realta' l-appell kif wiehed jista' jifhem mir-rikors appositu jirrigwarda biss l-eccezzjoni li kien issolleva l-appellant riferibbli ghall-ammissibilita' ta' ritratti li ttiehdu fil-kors ta' l-awtopsja. L-appellant jissottometti li ghandu jigi assigurat fl-interess tal-gustizzja li l-gurati jiznu l-materjal imressaq quddiemhom b'mod seren biex jigi assigurat li l-konkluzzjonijiet taghhom ikunu oggettivi u mhux influwenzati minn fatturi li jistghu jittrawmatizzawhom u b'hekk icajpru l-mod oggettiv li bih ghandhom iharsu lejn u jiznu l-materjal evidenzjarju li talvolta jigi mressaq quddiemhom.

Din il-Qorti ftit ghandha xi tghid fuq dan l-appell u l-aggravju relattiv. Dana m'huwiex l-ewwel darba li tressqet oggezzjoni ghall-ammissibiita' ta' ritratti mehuda fil-kors ta' awtopsja u xi kultant anke ta' filmati u din il-Qorti dejjem, infallibilment, u ma setghax ikun mod iehor, iddecidiet li din m'hijiex kwistjoni ta' ammissibilita' u se mai ikun jispetta lill-Onorevoli Mhallef li jkun qed jippresjedi l-guri li jirregola l-uzu ta' tali ritratti si et quatenus.

Altrimenti certament hawn non si tratta ta' ammissibilita' kif anqas ma wiehed jista', a priori, jigbed konkluzzjonjiet dwar l-effett li dawn ir-ritratti jista' jkollhom fuq il-gurati. M'hemmx dubbju li jista' jkun hemm bzonn dawn ir-ritratt, kif ma hemmx dubbju li jista' jaghti l-kaz li ma jkunux necessarji. Pero' hawn mhix kwistjoni ta' ammissibilita' ta' prova. Infatti din il-Qorti zzid li tenut kont li dan il-fatt ilu jigi deciz dejjem l-istess ghal diversi snin minn din il-Qorti komposta f'diversi modi, kellu jservi biex ma jigux intavolati appelli bhal dan.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata. L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

Dep/Reg
mm